# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2449

Każ Nru 3322/FM

Francis Joseph Farrugia

vs

Dragonara Gaming Limited

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Illum : 2 ta' Novembru 2016

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie intavolat permezz ta' rikors magħmul mill-Avv. Abigail Critien fid-9 ta' Diċembru 2014 fejn ġie allegat li r-riżenja tar-Rikorrent Francis Joseph Farrugia minn ma' Dragonara Gaming Limited kienet waħda ta' *constructive dismissal* u għalhekk it-terminazzjoni tal-impieg tiegħu ma kienitx waħda valida. Is-Soċjetà Intimata li kienet rappreżentata minn Johann Schembri u Svetlana Buckova, assistiti mill-Avv. Andrew Borg Cardona, ċaħdu dan u qalu li dan kien każ ta' riżenja.

Inżammu seba' seduti.

A tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba n-numru ta' seduti kif ukoll id-differimenti li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif jistipula l-istess artikolu.

## 2. Fatti tal-Każ

Il-każ kellu l-bidu tiegħu meta sar magħruf illi wieħed mill-impjegati tad-Dragonara Casino intlemaħ jiffavorixxi xi klijent b'mod irregolari. Ir-Rikorrent li kellu l-kariga ta' *Assistant Surveillance Manager* innota dan mill-*cameras* tas-CCTV li hemm u għamel rapport lis-superjuri tiegħu. Ma' tul il-ġurnata r-Rikorrent kien allegatament osservat xi tliet darbiet fil-*canteen* jitkellem mal-persuna li kienet wettqet l-irregolarijiet. Dana irriżulta li l-*Management* tas-Soċjetà Intimata jitilfu l-fiduċja fir-Rikorrent peress li dawn il-laqgħat tefgħu dell fuq ir-Rikorrent u inħoloq suspett ta' kompliċità bejnu u bejn min wettaq l-irregolarità. Għaldaqstant ir-Rikorrent kien infurmat li se jitkeċċa u ġie offrut lilu ċ-ċans li jirriżenja. Ir-Rikorrent għamel hekk iżda filgħaxija ta' l-istess jum bagħat *e-mail* lis-Soċjetà Intimata li biha rtira r-riżenja tiegħu. Din ma ġietx aċċettata u għaldaqstant ġie kunsidrat li telaq l-impieg tiegħu. Sussegwentement beda dawn il-proċeduri b'allegazzjoni ta' *constructive dismissal.*

## 3. Konsiderazzjonijiet

It-Tribunal kellu quddiemu l-għażla jekk it-terminazzjoni tal-impieg tar-Rikorrent kienitx waħda ta' *constructive dismissal* jew sempliċement riżenja. Għad li *constructive dismissal* ma tissemmiex fil-liġi nostrana kemm dan it-Tribunal kif ukoll oħrajn diversament presjeduti ikkunsidraw dan it-tip ta' liċenzjament u dana ġie konfermat anke mill-Qorti ta' l-Appell. Dan it-tip ta' liċenzjament jirrikjedi ċerti ċirkostanzi bħal per eżempju kriżi fil-*mutual trust and confidence* li għandu jkun hemm bejn il-prinċipal u l-impjegat. Issa fil-każ in eżami kwalsiasi dubju serju dwar l-imġieba tar-Rikorrent huwa kusidrat gravi mis-Soċjetà Intimata minħabba r-rettitudini stretta mistennija mill-impjegati f'ambjent hekk delikat ta' xogħol fil-Casino. Ma jfissirx illi kull dubju jista jirriżulta posittiv. Iżda dubju f'persuna li xogħolha huwa s-sorveljanza għandu dimensjoni aktar stretta. It-Tribunal eżamina bir-reqqa dak kollu li ġara u ma jidhirlux li hemm ċirkostanzi li jirriżultaw f'*constructive dismissal.* It-tnaqqis ta' fiduċja da parti tas-Soċjetà Intimata bażata fuq il-laqgħat bejn ir-Rikorrent u min wettaq l-irregolarità tidher li kienet ġustifikata u l-fatt li r-Rikorrent ġie offrut li jirriżenja minflok jiġi liċenzjat tagħti ndikazzjoni li għad li kien hemm dubju serju fuqu huwa ma kienx konsiderat li fil-fatt kien ħati ta' xi rregolarità u għalhekk il-fedina tiegħu ma ġietx mimsusa. Jekk hemm xi dubju dwar kienx hemm *constructive dismissal* jew le dan ġie riżolt u ċċarat meta r-Rikorrent tempestivament ipprova jirtira r-riżenja tiegħu. Min jallega *constructive dismissal* ma jipproċedix fi ftit siegħat biex jirtira r-riżenja. Ghax ma jagħmilx sens li tallega li kien hemm ksur ta' fiduċja u fl-istess ħin titlob li terġa lura għall-i*status quo.*

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li t-tmiem tal-impieg tar-Rikorrent Francis Joseph Farrugia minn mas-Soċjetà Intimata Dragonara Gaming Limited kien sempliċement każ ta' riżenja u xejn aktar.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

**5. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviz Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal Industrijali jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta'€93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja